MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 454/2000

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

vs

Brian Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 119571(M), akkuzat talli fl-20 ta' Mejju 2000 u fix-xhur ta' qabel f'Malta:

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe ta' vettura tal-ghamla Peugeot 806, numru ta' registrazzjoni DAD 272, ta' valur li jeccedi Lm1000, a detriment ta'

Marthese Xuereb minn Floriana – Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fi vettura tal-ghamla Peugot 806, numru ta' registrazzjoni DAD 272, a dannu ta' Marthese Xuereb minn Floriana, liema hsara tiskorri l-Lm500 – Artikolu 325 tal-Kap 9;
3. fl-istess zmien u cirkostanzi minghajr l-awtorizzazjoni miktuba bil-quddiem mill-Kummissarju, ghamel, ordna jew gieghel l-ghemil ta' xi tibdil fix-chassis tal-vettura tal-ghamla Peugot 806, liema vettura ghandha in-numru ta' registrazzjoni DAD 272 – Artikolu 17 u 91 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Avviz Legali 128/1994) u l-Artikolu 18 tal-Kap 65.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali (folio 191) li bihom irrinvija l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija o meno tal-imputat fin-nuqqas ta' opposizzjoni tal-imputat pero' mhux qabel li tisma x-xhieda indikata mill-Avukat Generali skont l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kap 9;

Osservat li ebda xhieda ma gew indikati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju;

Rat il-verbal folio 209 li fih il-prosekuzzjoni iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u nqraw l-artikoli;

Rat il-verbal folio 211 li fih l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstema sommarjament;

Semghet ix-xhieda kollha kompriz dik tal-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat b'ricettazzjoni u li ikkaguna hsara volontarja –

Artikoli 334 u 325(a) tal-Kap 9; ukoll b'offizi bi ksur tal-Kap 65 u l-Avviz Legali 128/1994.

Il-fatti li taw skop ghal din il-kawza huma fil-qosor li f'cirka April tas-sena 2000 kienet insterqet vettura tal-marka Peugot numru ta' registrazzjoni DAD 272, proprjeta' tal-konjugi Xuereb, ta' liema vettura f'Mejju 2000, instabu xi partijiet taghha mahruqa gewwa skip vicin 'Tal-Grazzja Garage" sit fiz-zona industrijali ta' Hal Far. Il-Pulizija investigaw u sar maghruf li l-imputat kellu x'jaqsam mat-tqattieh u l-hruq tal-vettura li rrizultat minn numri li nstabu fuq it-tieqa tal-'tail gate' li kienu jikkorrispondu man-numru tac-'chassis' tal-vettura misruqa. Gie interrogat l-imputat (folio 33) li ikkonferma li huwa kien jahdem bhala 'sprayer' fil-garage in kwistjoni proprjeta' ta' missieru u li kien qatta l-vettura in kwistjoni fuq inkarigu ta' certu Geraldu ghal korrispettiv ta' Lm200.

Minn dawn il-fatti u l-provi in atti m'hemmx l-iccken dubbju li l-vettura li qatta l-imputat fuq ammissjoni tieghu, ribadita wkoll quddiem din il-Qorti, kienet dik il-vettura li kienet insterqet.

Dwar ir-ricettazzjoni din ghandha tirrizulta li giet pjenament ippruvata. L-Artikolu 334 tal-Kap 9 jipprovdi li r-reat jissusisti 'inter alia' meta persuna xjentement tilqa' ghandha hwejjeg misruqa. Tikkommina bhala piena, jekk il-haga tkun gejja minn serq, il-piena tas-serq skond il-valur tal-haga. Issa l-imputat huwa hati ta' dan ir-reat principalment ghaliex ghalaq ghajnejh ghal dak li seta' facilment jippresupponi. Ghazel li joqghod cjekament fuq dak li qallu minn kien ikkommussjonalu x-xoghol u thajjar jaghmlu a riskju tieghu purament minhabba l-gwadann. Fir-rigward il-valur tal-haga hemm il-prova fl-inkjesta li l-valur tal-vettura meta nsterqet kien jissupera l-ammont ta' Lm1,000. Fuq l-iskorta tal-htija ghar-reat ta' ricettazzjoni jsegwi l-htija taht l-Artikolu 325(a) tal-Kap 9 ossija li volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, fil-kaz in disamina l-vettura.

L-imputat hu wkoll akkuzat li kiser r-regolamenti tal-Avviz Legali 128/1994. Fil-kaz in disamina il-Qorti ma fehmitx liema regolament kien qed jirreferi ghalih l-Avukat Generali. Jekk kien ir-regolament 91 dan japplika ghall-vetturi tat-trasport pubbliku li mhux il-kaz hawnhekk jew ghal inqas m'hemmx il-prova li l-vettura in kwistjoni kienet wahda ghat-trasport pubbliku. Ukoll, f'dan il-kuntest, hemm inesattezza fl-artikoli tal-Kap 65 citati mill-Avukat Generali li jirreferu ghall-artikoli li gew introdotti fil-ligi wara li sehhew ir-reati u mhux ghal zmien li twettqu.

Inghad dan ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 334(a), 279(a) u 325 (a) tal-Kap 9 issib l-imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi. Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 28G tal-Kap 9 u tpoggih taht ufficcjal sorveljanti ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni esplicita li jissottoponi ruhu ghat-test tal-urina.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------